

## RAKKOMANDEZZJONIJIET

## KUNSILL

## RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Novembru 2008

dwar il-Mobilità ta' Voluntiera Żgħażaġħ fl-Unjoni Ewropea

(2008/C 319/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 149(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

BILLI:

1. Il-mobilità għal voluntiera żgħażaġh hija parti integrali tal-libertà ta' moviment għall-persuni, protetta mill-Artikolu 18 tat-Trattat.
2. Il-Komunità tista' tadotta miżuri biex tiġi promossa l-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh billi tiżded il-kooperazzjoni bejn l-organizzaturi ta' attivitajiet volontarji, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif imniżżel fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif imniżżel f'dak l-Artikolu, din ir-Rakkomandazzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.
3. Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu għewwa l-Komunità <sup>(1)</sup> u d-dispożizzjonijiet relatati jkopru biss daww il-voluntiera li għandhom assigurazzjoni skont il-leġislazzjoni tas-sigurtà nazzjonali, bil-konsegwenza li kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni soċjali jstgħu xi kultant jaġixxu bħala diżinċentiv biex jieħdu sehem f'attivitajiet volontarji fi Stat Membru ieħor.
4. Ir-Rakkomandazzjoni Nru 2001/613/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fl-10 ta' Lulju 2001 dwar il-mobilità fil-Komunità għal studenti, persuni li qed jitħarrġu, voluntiera, għalliehma u daww li jħarrġu <sup>(2)</sup> tistieden lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri li huma jikkunsidraw adatti, skont il-liġi Komunitarja u fil-qafas tal-liġi nazzjo-

nali tagħhom, biex jassiguraw li l-voluntiera u l-familji tagħhom ma jkunux diskriminati minħabba l-linji ta' politika ta' protezzjoni soċjali relevanti, bħall-kura tas-saħħa u l-għajjnuna soċjali li jstgħu itellfu l-mobilità.

5. Ir-Rakkomandazzjoni 2001/613/KE u r-Rakkomandazzjoni 2006/961/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-mobilità transnazzjonali fi ħdan il-Komunità għal finijiet ta' edukazzjoni edukattivi u ta' taħriġ: Karta Ewropea tal-Kwalità għal Mobilità <sup>(3)</sup> jirreferu espliċitament għall-voluntiera.
6. Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar l-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju <sup>(4)</sup> tipprovdi għall-possibbiltà ta' ħruġ ta' permessi speċjali ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw għal ammissjoni fit-territorju ta' Stat Membru għall-iskop ta' volontarjat.
7. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2004, dwar objettivi komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007, dwar l-implimentazzjoni tal-objettivi komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh <sup>(5)</sup> stabbilixxew objettivi komuni għal attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh, ipproponew skambji ta' prattika tajba u attivitajiet ta' taġħlim bejn il-pari biex tissaħħa l-implimentazzjoni tagħhom, u stiednu lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-mezzi prattiċi għall-kejl tal-progress. Ir-Riżoluzzjoni tal-aħħar stiednet ukoll lill-Kummissjoni biex taġħmel aktar proposti għall-promozzjoni u r-rikonoxximent ta' attivitajiet volontarji taż-żgħażaġh.

<sup>(1)</sup> ĠUL 149, 5.7.1971, p. 2.<sup>(2)</sup> ĠUL 215, 9.8.2001, p. 30.<sup>(3)</sup> ĠUL 394, 30.12.2006, p. 5.<sup>(4)</sup> ĠUL 375, 23.12.2004, p. 12.<sup>(5)</sup> ĠU C 241, 20.9.2008, p. 1.

8. F'April il-Parlament Ewropew f'April 2008 adotta rapport dwar ir-"Rwol tal-Volontarjat fil-Kontribut għal Koeżjoni Soċjali u Ekonomika" li jinkoraġġixxi l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jirrikonossu l-valur tal-volontarjat fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, u rakkomanda l-promozzjoni ta' proġetti volontarji transkonfinali.

#### JIRRIKONOXXI LI:

1. Fil-qafas ta' din ir-Rakkomandazzjoni, attivitajiet volontarji transkonfinali huma kkaratterizzati kif ġej: miftuħa għaż-żgħażaġh kollha, meħudin bir-rieda libera tagħhom fl-interess ġenerali, għal perijodu sostnut, f'qafas ċar, u f'pajjiż min-barra l-pajjiż ta' residenza, mingħajr ħlas jew bi ħlas nominali u/jew kopertura tal-ispejjeż. Attivitajiet volontarji m'għandhomx ikollhom effett negattiv fuq l-impjieġ bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas m'għandhom jitqiesu bħala sostitut għalih.
2. Attivitajiet volontarji jikkostitwixxu esperjenza għanja f'kuntatt edukattiv mhux formali u f'kuntatt ta' taġlim informali li jtejjeb il-kapaċitajiet u l-kompetenzi professjonali taż-żgħażaġh, jikkontribwixxi għall-kapaċità għall-impjieġ u s-sens ta' solidarjetà tagħhom, jiżviluppa l-kapaċitajiet soċjali tagħhom u jwitti l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà u trawwem iċ-ċittadinanza attiva.
3. Fl-Ewropa kollha hemm varjetà vasta ta' attivitajiet volontarji organizzati mis-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi. Dawn l-attivitajiet għandhom ikunu ppreservati u żviluppatti aktar u l-kooperazzjoni bejn l-organizzaturi ta' dawn l-attivitajiet għandha tkun iffaċilitata.
4. Il-mobilità transkonfinali fl-Ewropa tista' tkun għodda importanti għall-promozzjoni tal-edukazzjoni, l-impjieġ u l-koeżjoni reġjonali u soċjali, u biex tgħin li jitjieb il-ftehim reċiproku u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. Dan hu partikolarment il-każ għaż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol li jivvaluta dejjem iżjed l-adattabilità u l-flessibilità.
5. Il-komunitajiet lokali li jospitaw voluntiera żgħażaġh jibbenefikaw ħafna mill-attivitajiet tagħhom, li jistgħu jsiru f'firxa wiesgħa ta' oqsma, bħall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, l-ippreservar tal-wirt kulturali, it-trawwim ta' solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u l-ħarsien tal-ambjent. Attivitajiet bħal dawn, fl-istess ħin, issaħħu d-diversità kulturali tal-komunitajiet ospitanti.
6. Attivitajiet volontarji kienu prijorità tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh, li diġà kien identifika għadd kbir ta' prattiċi tajbin. F'dan il-kuntatt is-Servizz Volontarju Ewropew (EVS), azzjoni tal-Programm Żgħażaġħ tal-UE mill-1996, ippermetta liż-żgħażaġh biex jieħdu sehem f'servizz volontarju f'diversi oqsma. Il-Programm attwali Żgħażaġħ fl-Azzjoni jsaħħaħ din l-azzjoni.
7. Minkejja dawn l-isforzi, jista' għad hemm ostakoli għal mobilità transkonfinali ta' voluntiera żgħażaġh fl-Ewropa kollha u għalhekk din ir-Rakkomandazzjoni timmira primarjament li ttipprovdi qafas għall-Istati Membri biex jintensifikaw il-ko-

perazzjoni tagħhom, mingħajr preġudizzju għad-diversità tas-sitwazzjonijiet nazzjonali tagħhom.

8. Il-kooperazzjoni aħjar bejn l-organizzaturi ta' attivitajiet volontarji f'pajjiżi differenti u kondivizzjoni akbar ta' informazzjoni jistgħu jstimulaw liż-żgħażaġh Ewropej kollha ta' kull nazzjonalità biex jieħdu aktar sehem f'attivitajiet volontarji f'pajjiżi terzi.
9. Attenzjoni speċjali għandha tingħata liż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet minħabba li l-attivitajiet volontarji jikkostitwixxu possibbiltà partikolarment siewja ta' mobilità għal dawk iż-żgħażaġh li inkella jibbenefikaw anqas, jew xejn, minn programmi ta' mobilità.

#### B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

- A. Jippromwovu l-mobilità ta' voluntiera żgħażaġh fl-Ewropa kollha billi jsaħħu l-kondizzjonijiet għall-kooperazzjoni bejn l-organizzaturi ta' attivitajiet volontarji f'pajjiżi differenti, kemm is-soċjetà ċivili jew l-awtoritajiet pubbliċi, biex kull żaġhżuġh ikollu l-opportunità li jivvolontarja fl-Ewropa jekk hu jew hi jixtieq/tixtieq jaġhmel/tagħmel dan.
- B. Jiffaċilitaw l-iżvilupp għal dak il-għan, tal-linji ta' azzjoni li ġejjin filwaqt li jikkunsidraw debitament l-oqfsa nazzjonali tagħhom u l-leġislazzjoni fil-qasam ta' attivitajiet volontarji, u l-prijoritajiet nazzjonali ġenerali tagħhom, l-opportunitajiet lokali eżistenti u r-reġimi tal-infiq pubbliku:
  - (1) itejbu l-livell ta' taġhrif dwar attivitajiet volontarji fit-territorji nazzjonali tagħhom u jitransferixxu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni Ewropea għal aktar disseminazzjoni;
  - (2) jaġhmlu l-informazzjoni dwar opportunitajiet għal attivitajiet volontarji barra l-pajjiż faċilment aċċessibbli għaż-żgħażaġh, u għall-dawk attivi f'ħidma taż-żgħażaġh u f'organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
  - (3) jaġhmlu disponibbli għall-atturi rilevanti kollha l-informazzjoni tad-drittijiet u opportunitajiet li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet eżistenti fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali dwar attivitajiet volontarji transkonfinali;
  - (4) jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet għal attivitajiet volontarji fi Stati Membri oħra u jissimplifikaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti bil-għan li jaġhmlu eħfef għal voluntiera żgħażaġh ta' Stat Membru sabiex jieħdu sehem f'attivitajiet volontarji fi Stati Membri oħra.
  - (5) jadottaw, fejn adatt, approċċ flessibbli fl-iżvilupp ta' opportunitajiet għal attivitajiet volontarji transkonfinali fl-Ewropa, billi pereżempju:
    - jappoġġaw l-iżvilupp għall-kapaċità ospitanti għal voluntiera transkonfinali;
    - jappoġġaw il-ħolqien ta' punti ta' kuntatt għal voluntiera żgħażaġh Ewropej, in-konnessjoni ma' Aġenziji Nazzjonali tal-Programm Żgħażaġħ f'Azzjoni;

- jippromwovu l-użu ta' mekkaniżmi Ewropej eżistenti li jistgħu jgħinu l-mobilità taż-żgħażaġh, bħal per eżempju, karti għall-mobilità;
  - jippromwovu mobilità transkonfinali għal dawk attivi f'bidma taż-żgħażaġh u organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh;
  - jappoġġaw l-iżvilupp ta' informazzjoni u taħriġ, għal dawk attivi f'bidma taż-żgħażaġh u f'organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, awtoritajiet lokali u servizzi ċiviċi, dwar attivitajiet volontarji transkonfinali taż-żgħażaġh;
- (6) iżidu s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza ta' kompetenzi interkulturali u t-tagħlim tal-lingwi fost iż-żgħażaġh biex jitnaqqsu l-ostakli għall-mobilità transkonfinali taż-żgħażaġh;
- (7) jinkoraġġixxu lill-organizzaturi ta' attivitajiet volontarji biex jiżviluppaw għodod ta' awto-valutazzjoni li jieħdu inkonsiderazzjoni l-esperjenza tas-SVE sabiex tkun żgurata l-kwalità tal-attivitajiet volontarji transkonfinali li qed jieħdu sehem fihom;
- (8) jinkoraġġixxu l-organizzaturi kemm meta jibagħtu kif ukoll meta jirċievu Stati Membri biex jikkooperaw fil-provvediment ta' assigurazzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' voluntiera żgħażaġh u ta' dawk li jirċievu s-servizzi. Dan għandu jinkludi informazzjoni biżżejjed dwar l-attività volontarja, l-organizzaturi tagħha u l-volontier, sabiex iż-żewġ partijiet ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni informata dwar kemm l-attività tkun adatta u tissodisfa kwalunkwe rekwiżit legali;
- (9) ikomplu jeżaminaw dispożizzjonijiet ta' protezzjoni soċjali rilevanti permezz tal-fora adatti eżistenti tal-UE bil-ħsieb li jsir użu totali mill-possibilitajiet skont il-leġislażjoni nazzjonali u tal-UE;
- (10) jippromwovu r-rikonoxximent adatt ta' riżultati ta' tagħlim minn attivitajiet volontarji f'konformità mad-dispożizzjoniet Komunitarji u fis-sistemi jew oqfsa nazzjonali rispettivi għal kwalifiki, fejn jeżistu;
- (11) jippromwovu l-użu ta' strumenti fil-livell tal-UE li jistgħu jiffaċilitaw attivitajiet volontarji transkonfinali billi jiżguraw it-trasparenza ta' kwalifiki, bħall-Europass, il-Youthpass u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;
- (12) jagħtu attenzjoni partikolari liż-żgħażaġh b'anqas opportunitajiet biex jissaħħaħ l-aċċess tagħhom għal attivitajiet volontarji u speċjalment għal attivitajiet volontarji transkonfinali.

B'DAN JAPPROVA L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI SABIEX

- (1) tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompiti ta' hawn fuq billi jintuża l-qafas ta' kooperazzjoni tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh u, b'mod partikolari, l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u l-programm Żgħażaġħ fl-Azzjoni;
- (2) tinkoraġġixxi u torganizza, f'kollegament mal-Istati Membri, l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi dwar il-kooperazzjoni bejn l-organizzaturi ta' attivitajiet volontarji fpajjiżi differenti, kemm jekk rappreżentanti tas-soċjetà ċivili kif ukoll jekk awtoritajiet pubbliċi;
- (3) tiżviluppa Portal Ewropew ta' Voluntiera Żgħażaġħ dwar attivitajiet volontarji bbażat fuq portali nazzjonali tal-volontarjat taż-żgħażaġh, bażijiet ta' data jew siti elettroniċi speċifiċi, fejn jeżistu;
- (4) tirrapporta lill-Kunsill erba' snin wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni sabiex jiddetermina jekk il-miżuri proposti humiex qegħdin jaħdmu b'mod effettiv u biex jevalwa l-ħtieġa għal aktar azzjonijiet.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Novembru 2008.